# IR-RAGĦAJJA SPIRITWALI TAL-PARROĊĊA
## 555 sena ta' storja

- Lino Psaila -

Li ż-Żejtun għandu storja glorjuża mibnija fuq il-kuraġġ u l-qlubija, ma jista' jiċħdu ħadd. Li fir-raħal ta' Santa Katarina jinsab tempju li hu l-għaxqa ta' kull Żejtuni u ta' kull min huwa affaxxinat bl-arti hija ħaġa magħrufa wkoll. Iżda ftit huma dawk, inkluż ħafna Żwieten illi jafu min kienu r-ragħajja spiritwali li mexxew lill-parroċċa tagħna tul dawn l-aħħar 555 sena.

Kont ili żmien sewwa ma nikteb u ħassejtni tassew onorat meta ġejt mistieden biex nikkontribwixxi kitba għall-magażin li s-Soċjetà tagħna tippublika fl-okkażjoni tal-festa. Bħala Żejtuni ma stajtx ma naċċettax biex nikteb dwar ir-raħal maħbub li fih ħadt l-ewwel nifs ta' ħajti. Hekk għażilt li nikteb dwar il-mexxejja spiritwali tal-parroċċa.

Fis-sena 1436 insibu liż-Żejtun diġà magħdud bħala waħda mill-ewwel 10 parroċċi bil-W.R. Dun **Pawl Branchel** bħala l-ewwel kappillan maħtur minn Mons. Senatore de Mello. Dan baqa' jmexxi sas-sena 1492. Warajh insibu lill-onorabbli **Czullo** jew kif kien magħruf bħala Baldo. Huwa kien diġà kappillan taż-Żurrieq meta Mons. Paolo di Cavallerija għażlu bħala kappillan fejn dam sa l-1502. Bejn is-sena 1502 u 1522 insibu lill-W.R. **Dun Anton Di Nicolaci** li ġie maħtur minn Mons. Corseto. F'din is-sena Mons. Catagnano ħatar lill-Isqalli **Dun Pietru Pannuzzo** bħala kappillan iżda ġara illi fl-4 ta' Novembru ta' l-istess sena, Mons. Filippo Milliaccio prokuratur ta' l-istess Isqof wella din il-parroċċa għal tlett snin b'disat ewweiq fis-sena lil Dun Stiefnu Cublo.

Il-Wisq Rev. Dun Girgor Saura maħtur minn Mons. Urries mexxa' lill-parroċċa bejn l-1525 u l-1531. Sena wara Mons. Waltkirk għażel lil **Dun Ġwann Mamo** mis-Siġġiewi li baqa' jmexxi spiritwalment lill-parroċċa sa' l-1587. Kien fi żmien dan il-kappillan li bdew jinżammu r-reġistri, li wara kellhom jiġu meqruda mill-Mislem.

Nhar is-7 ta' Frar 1587 Mons. Gargallo għażel lill-Kanonku Kapitolari **Dun Mattew Burlò** mill-Birgu. Dan il-kanonku ra lill-iben il-kbir taż-Żejtun, **Ħaż-Żabbar**, jinfired minnu fis-sena 1615 kif ukoll lill-iben il-fustani Ħal Għaxaq bid-differenza iżda, illi dan beda jiffunzjoni għalih waħdu wara l-mewt ta' Dun Mattew li ġrat fl-24 ta' Ottubru, 1626. Bejn din is-sena u l-1664 **Dun Anton Micallef** mis-Siġġiewi kien il-mexxej spiritwali li kien maħtur mill-Isqof Cagliares.

Id-disa' kappillan kien iben iż-Żejtun fil-persuna ta' **Dun Melchiorre Bonnici** maħtur fl-1664 minn Mons. Isqof Bueno. Fis-sena 1679 però ċeda postu lil ħuh Ugolin. Dun Melchiorre miet fid-9 ta' Diċembru 1692. Ta' min wieħed isemmi hawn il-fatt illi ftit qabel ma miet, Dun Melchiorre kien preżenti għat-tqegħid ta' l-ewwel ġebla tat-tempju monumentali, opra tal-kbir Lorenzo Gafà. Dun Ugolin ħadem u stinka biex jara lil din l-akbar opra titwettaq, iżda ma kellux ix-xorti jaraha mitmuma, għaliex il-mewt ħasditu fl-10 ta' Jannar, 1712.

Wara l-mewt ta' dan il-ħabrieki Żejtuni, il-Vigarju Manso ħatar lil **Dun Anton Gafà**, Bormliż, li

dam imexxi l-parroċċa sa ma miet fl-24 ta' Lulju, 1733. Fis-sena 1734, Mons. Pawlu Alpheran De Bussan għażel lil **Dun Lawrenz Mallia** mill-Birgu, iżda f'inqas minn sentejn miet, preċiżament fl-4 ta' Ottubru, 1736. L-istess Alpheran ħatar lil W.R. **Dun Patist Sagona** mill-Belt Valletta fejn dam għal sitt snin meta miet fl-24 ta' April 1742. Floku l-istss Alpheran De Bussan għażel bħala kappillan lil **Dun Franġisk Rossi** mill-Belt Valletta, iżda lanqas laħaq rifes fiż-Żejtun, għaliex miet seba' xhur biss wara li ħa l-pussess nhar l-4 ta' Ġunju 1743, **Dun Indrì Xuereb** mir-Rabat, jibqa' msemmi għaliex kien fi żmienu illi l-kappillan taż-Żejtun beda jilbes ir-rukkett u l-muzzetta għall-ewwel darba. Huwa miet fit-18 ta' Frar 1769.

Ir-Rev. **Dun Franġisk Maria Xuereb** ġie magħżul kappillan mill-istess Papa Klement XIV, iżda nqalgħu bosta ntoppi u l-poplu rreżista l-preżenza tiegħu sakemm telaq lura lejn Ruma fejn miet fil-25 ta' Novembru 1801. **Dun Giacomo Mikiel Tortella**, Bormliż, li kien diġà kappillan ta' l-Imqabba, kien diġà vigarju ta' Xuereb. Huwa ħa l-pussess tal-parroċċa minn Mons. Labini fi Frar ta' l-1802. Fi żmien dan il-kappillan, iż-Żejtun ġie mgħolli għad-dinjità ta' belt mill-**G.M. Ferdinand Hompesch - il-Belt Biland.** Tortella miet fit-28 ta' April 1802.

Il-W.R. **Dr. Bertu Sant** mill-Għargħur ħa l-pussess fit-8 t'Awissu 1802. Dan il-bravu saċerdot li kien ukoll avukat, laħaq kanonku tal-Katidral u miet bil-kolera fl-24 ta' Lulju 1837. Wara 4 snin bħala viċi kurat fil-parroċċa taż-Żurrieq, il-W.R. **Dr. Pawlu Ellul** minn Bormla, ingħata l-pussess ta' kappillan nhar l-4 ta' Marzu 1839. Fl-1861 laħaq kanonku tal-Katidral. Fit-22 ta' Diċembru, 1861, il-W.R. **Dr. Vinċenzo Magri** ħa l-pussess mill-Isqof Gaetano Pace Forno. Erba' snin wara dan laħaq Arċipriet tal-Katidral. Iż-Żebbuġi **Dun Ġammari Tabone**, diġà kappillan tal-Għargħur ħa l-pussess fit-18 ta' Mejju 1865 u fl-1888 sar kanonku tal-katidral. Mons. Konti Scicluna għażel lil W.R. **Dr. Anton Psaila** bħala kappillan ġdid. Il-pussess sar fil-31 ta' Awissu 1888. Fit-**30 ta' Jannar 1889 ħarġet il-bolla li bija l-parroċċa tagħna kienet saret Arċipretali.** Il-festa saret fit-12 ta' April ta' l-istess sena. Fi żmienu wkoll **Marsaxlokk** infired minn ommu u beda jfendi għal rasu. Huwa miet fid-9 ta' Lulju 1920.



*L-Arċipriet Degabriele*

Il-W.R. **Dun Lawrenz Degabriele,** Żejtuni, kellu l-unur li jkun l-ewwel Żejtuni li jsir Arċipriet. Kien diġà kappillan ta' Ħal Safi. Huwa ħa l-pussess nhar is-6 ta' Lulju, 1897. **Huwa baqa' msemmi għall-ġenerożità tiegħu mal-foqra tant li miet bla sold.** Fit-18 ta' Lulju 1914 laħaq kanonku kapitolari imma ma xtaqx jieħu l-unur li kienu tawh u għażel li jibqa' jmexxi lil raħal twelidu għalkemm kellu 72 sena. L-Isqof Caruana iżda għażel bħala koadjatur tiegħu lil **Dun Paċifiku Mifsud** mill-Mosta. Huwa laħaq Arċipriet fis-17 ta' Jannar, 1932 fejn baqa' sal-1947. Fit-18 t'Ottubru ta' l-istess sena **Dun Emanuel Brincat** ħa l-pussess bħala Arċipriet. Huwa kien għadda ż-żmien diffiċli tal-gwerra qalb il-poplu Senglean fejn ukoll kien twieled. Fi żmienu, il-parroċċa tagħna kellha għadd ġmielu ta' saċerdoti ġodda. Fl-1954 laħaq kanonku tal-katidral u wara anke Arċipriet.

Iż-Żejtuni **Dun Mikiel Spiteri** ħa l-pussess f'Awissu tas-sena 1954 fejn dam għal 8 snin meta laħaq kanonku tal-katidral. Huwa miet fl-1965. Fi żmienu ġie mibni ċ-ċentru parrokkjali li jinsab biswit il-knisja. Arċipriet ieħor Żejtuni kien **Dun Pantaleone Orland.** Huwa ħa l-pussess fis-17



(Ritratt: J. Vella)

*Żewġ Arċiprieti Żwieten waqt il-quddiesa pontifikali tal-festa ta' Santa Katarina. Iċ-ċelebrant huwa l-ex-Arċipriet Mons. Mikiel Spiteri, filwaqt li l-kon-ċelebrant huwa l-ex-Arċipriet Mons. Pantaleone Orland. Iċ-ċeremonier huwa l-mibki Dun Karm Galea.*

ta' Frar 1963 u għal għaxar snin sħaħ kien kappillan ta' Marsaxlokk. Il-kappillan ta' Santa Luċija **Dun Ġużepp Bugeja** ħa l-pussess ta' Arċipriet fl-1978 u baqa' fil-kariga sa l-1985 meta ġie trasferit għall-parroċċa ta' Stella Maris.

Il-W.R. **Kan. Dun Ġużepp Theuma** minn B'Kara ħa l-pussess ta' Arċipriet fl-1985. Huwa daħal b'ruħu u ġismu għax-xogħol fdat lilu u f'qasir żmien nistgħu ngħidu li ġibed is-simpatija tal-poplu. Fis-sena 1989 miet fid-dar tiegħu ġewwa ż-Żejtun fejn kien wera x-xewqa li ried imut. Il-funeral li sarlu u li kien wieħed kommoventi għall-aħħar, se jibqa' mfakkar għal bosta snin. It-tmun tal-parroċċa, issa jinsab f'idejn il-W.R. Arċipriet **Dun Karm Farrugia** minn Ħal Qormi. Huwa ħa l-pussess f'Ġunju ta' l-1989. Aħna nawgurawlu minn hawn sodisfazzjon fil-ħidma pastorali tiegħu għall-ġid tal-parroċċa tagħna.

---

